**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2011

**SEDUTA NUMRU 11 AD HOC**

Il-ĦAMIS 18 TA' ĠUNJU 2009 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR.

**PRE|ENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I SKART TAL-IPPAKEĠJAR

i Il-Kunsill iddiskuta l-proposta tal-*Green MT-GRTU* dwar l-iskema ta' skart tal-ippakeġġjar. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jaċċetta l-proposta li x-xogħol involut isir kollox mill-Kumpanija. Il-Kunsillier F. Roe ippropona li jsiru ukoll 4 *bring-in-sites* (2 fix-Xatt) ħdejn il-ġnien u fil-Marina, waħda fi Triq G. Cali' ħdejn is-*Sub Station* u waħda wara fi l-Blk C5. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li waqt il-laqgħa li saret mal-Kuntrattur dan ikkonferma li l-*insurance* titħallas minnu kif ukoll l-ispejjes involuti biex tingħata kopja ta' rappot tal-pulizija. Il-Kunsillier E. Muscat ssekonda. Kien hemm vot unanimu dwar dan.

## II KUNTRATT TA' ĠBIR TA ' SKART ORGANIKU

ii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali se jagħmel laqgħa dwar il-kuntratt il-ġdid tal-ġbir ta' skart organiku. Għaldaqstant ġie deċiż li dan jiġi diskuss wara li ssir il-laqgħa.

Il-Laqgħa spiċċat fis-7.30pm u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju 2009.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv